MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 386/2000/1

**Teresa *sive* Tessie Camilleri**

**vs**

**Pierre Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg bejniethom fit-12 ta' April 1985, mill-liema zwieg twieldu tliet (3) itfal, Joanne, Kurt u Dorianne, ilkoll minuri.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba relazzjonijiet adulteri multipli mill-konvenut, kif ukoll ingurji gravi, minacci u servizzi da parti tal-konvenut versu l-attrici u anke wliedha, u ragunijiet ohra rikonoxxuti mill-Ligi;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Novembru 1998, kif sussegwentement prorogat permezz ta' Digriet moghti mill-istess Onorabbli Qorti fi 2 ta' Frar 2000 (Digriet Nru. 279/2000).

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja separazzjoni *a menso et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi mputabbli lill-konvenut, u rikonoxxuti mill-Ligi;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Joanne, Kurt u Dorianne, f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access stabbilit ghall-konvenut, taht dawk id-dispozizzjonijiet dwar supervizjoni li dina l-Qorti jidhrilha xierqa;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenut ghall-minuri wlied il-partijiet;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehmu fil-komunjoni tal-akkwisti u tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kontra l-istess konvenut, u favur l-attrici;

5. Tillikwida u xxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, *occorrendo* bl-opera ta' *periti nominandi*;

6. Tassenja l-assi kollha formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti lill-attrici;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-8 ta' Awissu 2000 u baqa' kontumaci, *stante* li ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet skond il-ligi.

Rat il-verbali tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn *nonostante* l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lil Dr. Beppe Fenech Adami bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi u tal-14 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal ta' seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota tal-attrici li biha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tas-17 ta' Settembru 2001; tat-2 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza in difett ostakolo ghall-25 ta' Jannar 2002 u l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat jirritorna l-inkartament; tal-25 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tat-13 ta' Marzu 2002 fejn deher l-Assistent Gudizzjarju u rritorna l-process. Il-kawza giet differita ghal trattazzjoni finali; tat-28 ta' Mejju 2002 fejn il-konvenut msejjah diversi drabi naqas li jidher u fic-cirkostanzi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002.

Rat l-affidavit tal-attrici datat 26 ta' Frar 2001.

Rat li l-konvenut baqa' ma deher ghall-ebda seduta quddiem din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attrici qed tipprezenta kawza ta’ separazzjoni kontra l-konvenut, bit-talbiet kollha relattivi dwar responsabilta’ ghal tali separazzjoni, kura u kustudja tal-minuri, manteniment ghall-istess minuri, u x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, fost talbiet ohra abbazi tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** u assenjazzjoni tal-istess.

Illi l-konvenut baqa’ kontumaci, izda kif inghad fil-gurisprudenza nostrali l-istat ta’ kontumacja ma jfissirx ammissjoni, izda oppozizzjoni ghat-talbiet attrici, u ghalhekk l-allegazzjoni attrici dejjem ghandhom jigu ppruvati fil-grad rikjest mill-ligi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici zzewget lill-konvenut fit-12 ta’ April 1985, wara li kien jafu lil xulxin biss ghaxar (10) xhur, u minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal, Joanna ta’ erbatax (14)-il sena, Kurt ta’ tmien (8) snin, u Dorianne ta’ sitt (6) snin, u jirrizulta mill-affidavit attrici li l-istess zwieg kellu l-inkwiet tieghu peress li l-konvenut kellu relazzjoni ma xi nisa ohra, tant li l-attrici allegat li meta t-tifla l-kbira kellha biss erba’ (4) snin, l-istess konvenut kellu x’jaqsam ma’ certa Kathleen, tant li kellu tifel minnha jismu Pierre.

Illi l-attrici qalet li hafret lill-konvenut, ghalkemm qatt ma setghet tinsa li huwa kien tradiha, pero’ xorta wahda baqghet mieghu ghaliex qalet li kienet thobbu, tant li kellhom izjed tfal u wkoll fethu *Confectionary,* li spiccat tahdem fih hija, fil-waqt li l-konvenut ma kien qed jaghmel xejn.  Dan issaportietu, sakemm indunat fis-sena 1998 li l-istess konvenut kellu relazzjoni ma mara ohra bl-isem ta’ Louise, li hija saret taf biha wara li segwiet lill-konvenut u ratha mieghu fil-hanut *“Golden Sun”* Marsaxlokk.

Illi fil-fatt l-attrici sostniet li hija ma kienitx tiflah izjed ghal din l-infedelta’ da parti ta’ zewgha, u ghalhekk telqet bit-tfal mid-dar konjugali, u wkoll lejn l-ahhar tas-sena 1998 mill-hanut. Hija hadmet bhala *chamber maid* fil-lukanda *“Cerviola”* dan sas-sena 2000, u wara hadmet f’fabbriki u

ghand is-sorijiet tal-Qalb ta’ Gesu’ Nazzareth u ma’ l-anzjani, izda llum tghix bir-*relief.*

Illi d-dar konjugali hija taghhom u hija “Marvin House’, Triq il-Maqsab, Marsaskala li fuqha hemm id-dejn tal-Bank kannonizzat b’sentenza ta’ din il-Qorti datata 9 ta’ Frar 2000 fl-ismijiet **“Bank of Valletta p.l.c. vs Pierre u Tessie mizzewgin Camilleri”** (Citaz. Numru 1662/99/RCP) fejn jidher li l-istess konjugi Camilleri huma debituri fl-ammont ta’ Lm18,330.30 bl-imghax mill-1 ta’ Ottubru 1998 sal-effettiv pagament.

Illi *inoltre* jidher li l-istess konvenuti huma debituri ta’ Joseph u Emanulea Camilleri fl-ammont ta’ Lm43,900 u is-somma ulterjuri ta’ Lm1,647 skond sentenza fl-ismijiet **“Joseph Galea et vs Pierre Camilleri et”** datata 27 ta’ Novembru 2000 (Citaz. Nru. 2460/99/AJM).

Illi llum id-dar konjugali tinsab vojta, u l-konvenut ha l-oggetti kollha ndikati fl-istess affidavit attrici, inkluzi l-kamra tas-sodda (Lm950), kamra tas-sodda *spare* (Lm450), tliet televisions, tnejn kbar u wiehed *portable*, zewg *stereos*, zewg *video cameras*, affarijiet tal-kcina, lozor, xugamani, u kutri li kienu tad-dota tal-attrici, *partition* tal-kamra tal-banju, karozza tal-marka Pajero li fuqha ma kienx hemm dejn, *tumble dryer*; min-naha taghha l-attrici zammet il-*kenwood*, magna tal-hjata, magna tal-hasil u salott, mentri fid-dar baqa’ *wall unit* fis-salott, frigg, u *freezer.*

Illi l-konvenut qed jghix ma din il-persuna Louise, u jiehu hsieb ukoll it-tfal taghha, mentri baqa’ ma hallasx il-manteniment li huwa gie ordnat ihallas permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla datat 17 ta’ Novembru 1998 wara rikors numru 1411/98.

Illi fic-cirkostanzi ma hemm l-ebda dubju li l-attrici ppruvat l-allegazjonijiet kollha taghha, u huwa hati tal-imsemmija separazzjoni bejn l-partijiet minhabba adulterju, ingurji gravi minacci, u sevizzi *da parte* tieghu *verso* l-attrici w uliedu, tant li jidher li l-istess konvenut kisser dak kollu li l-konjugi Camilleri u partikolarment l-attrici kienet hadmet

ghalih tul iz-zwieg kollu, inkluz l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti, tant li llum kull ma hemm hija biss id-dar, li hija munita b'dejn sostanzjali favur il-Bank, apparti dejn iehor sostanzjali favur Joseph Galea et.

Illi in vista ta' dan l-ewwel talba ghandha tigi milqugha, u in konnessjoni mat-tieni talba l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici, u din il-Qorti ma hija b'din is-sentenza ser taghti ebda provvediment dwar l-access tal-konvenut ghall-istess minuri, *stante* li l-konvenut ma jidhirx li ghamel xi talba ghall-istess, anzi mill-provi ma jirrizultax li l-istess konvenut ezercita d-dritt tieghu ta' access skond id-Digriet tas-Sekond' Awla, u dan juri nuqqas serju min-naha tieghu fil-*benessere* ta' wliedu stess.

Illi ovvjament il-Qorti lesta li tikkonsidra talbiet ta' access mill-istess konvenut, u dan permezz ta' talba *ad hoc* li ssir minnu, pero' f'kull decizjoni din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt jekk l-konvenut mantniex lill-uliedu, u jekk l-istess konvenut osservax id-digrieti u din is-sentenza dwar il-hlas ta' manteniment minnu lill-istess minuri, u dan dejjem fl-interess massimu tal-istess minuri, *stante* li jidher li l-konvenut *a scelta* tieghu abbanduna lil uliedhu u nezza' lilu nnifsu minn  kull responsabilta' fil-konfront taghhom u dan bi ksur tal-provizzjonijiet tal-**artikoli 3B u 7 tal-Kodici Civili.**

Illi dwar l-alimenti li ghandhom jithallsu mill-konvenut bhala manteniment tal-istess uliedu, din il-Qorti ser tiffissa l-istess rata ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha ndikata wkoll fid-Digriet tas-Sekond' Awla premess, u dan apparti l-arretrati kollha tal-istess mantiment dovut mill-konvenut b'effett mid-data tal-istess Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Novembru 1998. Id-dritt ta' manteniment tal-attrici minghand il-konvenut jibqghu riservati *stante* li lanqas saret talba ghall-istess mill-attrici.

Illi dwar l-komunjoni tal-akkwisti din tidher li tikkonsisti fid-dar konjugali, u l-mobbli indikati fl-affidavit tal-attrici u l-vettura Pajero, fil-waqt li hemm dejn komplessiv ta' tlieta u sittin elf, tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u tletin

centezmu (Lm63,877.30) *oltre* imghax legali skond is-sentenza kontra l-kontendenti fuq citati.

Illi in vista ta' dan il-Qorti xxolji b'effett immedjat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 55 tal-Kap 16,** u ghall-iskop tal-**artikolu 48 (1) (c)** tiffissa d-data ta' Ottubru 1998.

Illi nofs d-dar konjugali ghandha tigi asenjata lill-attrici u nofs lill-konvenut, u d-dejn fuq indikat ghandu wkoll jigi assenjat nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut, b'dan li l-konvenut ghandu jzomm l-oggetti mobbli li huwa ha l-pussess taghhom, ilkoll elenkati fl-affidavit attrici, inkluz il-karozza Pajero, fil-waqt li l-attrici ghandha zzomm l-oggetti mobbli li gja jinsabu fil-pussess taghha u qed tigi assenjata l-oggetti l-ohra nkluz l-*wallunit* fis-salott, frigg u *freezer* li ghad jinsabu fid-dar konjugali, b'dan pero' li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) iffissata mill-Qorti *"arbitro boni viri"* *stante* li jidher li l-istess konvenut approprija ruhu mill-oggetti kollha ta' valur li kien hemm fl-istess dar konjugali, inkluz il-karozza Pajero.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif premess.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tippronunzja separazzjoni *a menso et thoro*, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba relazzjonijiet adulteri multipli mill-konvenut, kif ukoll ingurji gravi, minacci u servizzi da parti tal-konvenut versu l-attrici u anke wliedha, u ghar-ragunijiet ohra rikonoxxuti mill-Ligi ;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Joanne, Kurt u Dorianne, f'idejn l-attrici.

3. Tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenut ghall-minuri wlied il-partijiet fis-somma ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, u dan *oltre* l-arretrati dovuti mill-konvenut ghall-istess manteniment ta' uliedu bl-istess rata ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha b'effett mid-data tad-Digriet tas-Sekond' Awla fl-ismijiet premessi datat 17 ta' Novembru 1998.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehmu fil-kommunjoni tal-akkwisti u dan b'effett minn Ottubru 1998 u tapplika l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kontra l-istess konvenut, u favur l-attrici;

5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti fid-dar konjugali 'Marvin House', Triq il-Maqsab, Marsascala u l-mobbli kollha ndikati fl-affidavit tal-attrici u l-vettura Pajero, fil-waqt li hemm dejn komplessiv ta' tlieta u sittin elf, tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm63,877.30) *oltre* imghax legali skond is-sentenza kontra l-kontendenti fuq citati, u xxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

6. Tassenja n-nofs indiviz tad-dar konjugali 'Marvin House', Triq il-Maqsab, Marsascala lill-attrici u nofs indiviz tal-istess fond lill-konvenut, u d-dejn fuq indikat dovut mill-kontendenti lill-Bank of Valletta p.l.c. u lil Joseph Galea u Emanuela Galea skond is-sentenzi fuq indikati ghandu wkoll jigi assenjat nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut; illi ghar-rigward tal-oggetti mobbli l-Qorti tassenja lill-konvenut l-oggetti mobbli kollha li huwa gja ha fil-pussess tieghu, u liema mobbli jinsabu ndikati dettaljatament fl-affidavit attrici, b'dan li ghandu jzomm l-oggetti mobbli li huwa ha l-pussess taghhom u dan inkluz il-karozza Pajero, fil-waqt li l-attrici ghandha zzomm l-oggetti mobbli li gja jinsabu fil-pussess taghha u l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fid-dar konjugali nkluz l-*wallunit* fis-salott, frigg u *freezer*, b'dan pero' li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' Lm4,000, iffissata mill-Qorti *"arbitro boni viri"* *stante* li jidher li l-istess konvenut approprja ruhu

mill-oggetti kollha ta’ valur li kien hemm fl-istess dar konjugali, inkluz l-karozza Pajero.

7. Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Henri Vassallo sabiex jippubblika l-att relattiv u Dr. Marco Giliberti u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta’ Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**1 ta’ Ottubru 2002**